KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 85

**Il-Ħamis 22 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Vella – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa.

## 85.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

85.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

85.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

85.2.2 Il-Kunsillier Fenech propona li dawn jiġu approvati filwaqt li Bugeja ssekondat. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 85.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

85.3.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien rebaħ €400 fl-iskema tal-Libreriji. Is-Sindku kien attenda għall-prezentazzjoni taċ-ċekk u tal-ittra ta' konferma.

85.3.2 Is-Sindku informa li hu, is-SE u l-perit tal-Kunsill marru għal on *site meeting* mal-ATC biex l-aċċess li nfetaħ b'mod temporanju mingħandhom għal ġol-bosk jibqa' hemm bi grada u ġiet diskussa wkoll il-possibbiltà li ssir *walkway* mill-bosk għal Pjazza San Oswald minn wara l-binja tal-ATC. Il-periti taz-zewġ naħat se jkunu qed jesploraw din il-possibbiltà.

85.3.3 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien is-7:30pm.

85.3.4 Is-Sindku informa li ltaqa' maċ-*chief of staff* tal-President u dan talab lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li jixtri ktieb bl-isem *Encounters with Valletta: A baroque City Through The Ages*. Kien hemm qbil li għandhom jinxtraw 5 kotba għall-ammont ta' €400. Fuq talba tas-SE kien hemm qbil ukoll li jiġu approvati bi €300 f'kotba ġodda għal-librerija.

85.3.5 Is-Sindku informa li qed titnieda strateġija ta' integrazzjoni u s-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill ikun minn tal-ewwel li jiffirma u jipparteċipa fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali. Kien hemm qbil li r-rapprezentant tal-Kunsill ikun is-Sindku.

85.3.6 Fuq suġġeriment tas-sindku kien hemm qbil li napplikaw għall-iskema tal-isport, fejn hemm possibbiltà li l-Kunsill jirbaħ sa €3000 f'fondi. Fuq proposta tas-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Mifsud kien hemm qbil unanimu li għandha ssir applikazzjoni għal *open gymnasium* fi Ġnien is-Sinjura. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li s-SE għandha ġġib il-kwotazzjonijiet neċessarji u tibgħat l-applikazzjoni f'isem il-Kunsill.

## 85.4 Konferma tal-promozzjoni tal-Uffiċjal Ezekuttiv

85.4.1 Is-SE infurmat li kienet ħarġet il-*call* għall-promozzjoni minn Uffiċjal Ezekuttiv għal Assistent Uffiċjal Prinċipali. Wara li saret intervista, kien hemm qbil mill-bord tal-intervisti li l-applikanta setgħet timla l-vakanza ta' AUP. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill kollu.

85.4.2 Is-SE se tinforma lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali b'din il-promozzjoni.

## 85.5 Riforma Gvern Lokali

85.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet link dwar ir-Riforma dwar il-Gvern Lokali u staqsiet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi suġġerimenti biex jgħaddu f'isem il-Kunsill.

85.5.2 Sadanittant infurmat li hi kienet attendiet laqgħa li nzammet għall-Kunsilli tar-Reġjun Tramuntana min-naħa tal-Onorevoli Silvio Parnis dwar l-istess suġġett.

## 85.6 Allokazzjoni Finanzjarja 2019

85.6.1 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal konferenza stampa f'isem il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa fejn ġiet infurmata li kull Kunsill Lokali kien qed jingħata 5.479% zieda u għaldaqstant il-Kunsill kien se jiggwadanja minn €14,519 zejda għas-sena 2019.

85.6.2 Għaldaqstant is-sena d-dieħla l-allokazzjoni tal-Kunsill kienet se tkun ta' €279,482.

## 85.7 Laqgħa tal-Lokalità

85.7.1 Is-SE infurmat li kien reġa' wasal iz-zmien biex issir id-data għal-laqgħa tal-lokalità li għandha tinzamm kull sena.

85.7.2 Kien hemm qbil li din tinzamm nhar il-Hamis 24 ta' Jannar 2019 fis-6:00pm. Kien hemm qbil li ezattament warajha (fis-6:30pm), għandha tinzamm is-seduta tal-kunsill għax-xahar ta' Jannar.

## 85.8 Għoti ta' tarmak mill-Gvern Ċentrali fil-lokalità tal-Imtarfa

85.8.1 Is-Sindku informa li Infrastructure Malta kienet ikkonfermatlu li numru ta' toroq kienu se jiġu miksija bit-tarmak matul il-ġimgħat li ġejjin. Dawn kienu Triq il-Maqdes Ruman u Triq il-Konti Salv Manduca.

85.8.2 Huwa informa li sadanittant qed ikompli jagħmel pressjoni biex jinbeda x-xogħol ukoll fi Triq Antoine Debono u Triq San Oswald.

## 85.9 Xogħol mill-MTI fi Triq l-Istazzjon

85.9.1 Is-Sindku informa li matul dawn l-aħħar ġimgħat Triq l-Istazzjon kienet qed tinzamm magħluqa minħabba periklu li jaqa' xi ġebel. Sadanittant kienu nzabru l-arbuxelli u siġar li jagħtu għal fuq din it-triq u qed jistennew li tingħata ordni ta' xogħol lil kuntrattur privat biex iwaħħal *fencing* mat-tul kollu biex jitneħħa l-periklu. Huwa rringrazzja lill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura tal-koperazzjoni kontinwa.

## 85.10 Attivitajiet tal-Milied

85.10.1 Is-Sindku informa li kien ħa ħsieb jagħmel il-booking għall-ikla tal-komunità.

85.10.2 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Kunsill issir nhar it-12 ta' Jannar 2019.

85.10.3 Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-festin tat-tfal għal din is-sena.

## 85.11 Military Mtarfa 2018

85.11.1 Is-Sindku informa li fiċ-ċirkostanzi tax-xita li għamel matul l-attività jħoss li l-attività xorta waħda kienet ta' suċċess, b'mod speċjali x-xelter li kien attrazjoni tajba ħafna u li għalih ġew ħafna nies, anke barranin.

85.11.2 Huwa informa li l-kalkoli preliminari juri li l-attività swiet madwar €18,000, li minnhom kien hemm €5000 li għandhom jiġu rifuzi lura mid-DLG u l-Ministeru tat-Turizmu, €5000 ġew sponsorjati mill-Valletta 2018 u €2000 mill-MTI. Għaldaqstant il-Kunsill mhux mistenni li jonfoq aktar minn €6000.

85.11.3 Kien hemm qbil li għandha ssir l-attività fejn kull parteċipant jingħata ċertifikat, bħas-soltu.

85.11.4 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud skuza ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien it-8:00pm.

## 85.12 *Defaults* lill-kuntratturi tas-*soft areas* u tal-knis

85.12.1 Fuq talba li kellha, is-SE prezentat numru ta' lmenti li kienu baqgħu ma sarux mill-kuntratturi għalkemm għaddew it-48 siegħa mill-avviz bil-miktub li ngħatalhom.

85.12.2 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li s-SE għandha tkellem liz-zewġ kuntratturi u tinfurmahom li b'rieda tajba min-naħa tal-Kunsill, qed jingħataw l-aħħar twissija biex jikkoperaw u jsir ix-xogħol skont il-kuntratt. Jekk dan ma jsirx il-Kunsill kien se jzomm il-jedd li tittieħed azzjoni ulterjuri fir-rigward taz-zewġ kuntratturi.

## 85.13 Punti oħra

85.13.1 Is-SE infurmat li l-offerta tar-restawr tal-arloġġ reġgħet ġiet pubblikata u tagħlaq nhar il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru.

85.13.2 Is-SE infurmat li x-xogħol fuq il-*culvert* ta' Triq l-Imtarfa kellu jiġu pospost minħabba li għalissa Triq l-Istazzjon kienet magħluqa u għaldaqstant ma tistax issir devjazzjoni tat-traffiku.

85.13.3 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni dwar l-iskema tal-*Car Sharing* fejn minflok il-parkeġġ ta' quddiem l-eks Skola Sekondarja, kien qed jiġi propost parkeġġ fi Triq Dar il-Kaptan (skont ir-ritratt). Il-Kunsill qabel li għandu jsir parkeġġ wieħed biss fi Triq Dar il-Kaptan.

85.13.4 Is-SE infurmat li l-MTI kienu laqgħu t-talba tal-Kunsill sabiex issir *Communal Parking* fi Triq it-Torri tal-Arloġġ minflok parti mill-bankina.

85.13.5 Is-SE infurmat li min-naħa tal-*co-financing board* kienu aċċettaw it-tieni appell li għamlet u għaldaqstant il-Kunsill se jiġi rifuz €15,900 għall-ispejjez tal-ġemellaġġ. Dan ifisser li l-Kunsill se jkun irkupra €23,400 mill-ispiza.

85.13.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kuntratt min-naħa ta' Wasteserv fejn kien qed jaċċetta li jħallas għal 3 ġabriet fil-ġimgħa għall-iskart organiku. Kien hemm qbil li s-Sindku u s-SE għandhom jiffirmaw dan il-kuntratt.

85.13.7 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand is-Sur David Vella Dingli fejn dan informa li kien beda petizzjoni sabiex l-eks sptar ma jinbidilx fi skola internazzjonali imma jinstablu uzu differenti sabiex jibqa' aċċessibbli għall-komunità Mtarfija. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jappoġġja l-petizzjoni u jgħinu jsib alternattivi għall-uzu tal-post. Kien hemm qbil unanimu li tintbagħat risposta fejn il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu fir-rigward ladarba jkun hemm proposta konkreta.

85.13.8 Is-SE infurmat li l-Kunsill irċieva kommunikazzjoni dwar il-parkeġġ li jinsab taħt Binja Qlejgħa, Blokka A, minħabba l-ilma tax-xita li jidħol fil-garaxxijiet u fil-komun. Ir-resident kien qed jilmenta u jitlob li titranġa s-sitwazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta din l-ittra u qabel li din kienet materja li ddiskuta kemm-il darba mal-awtoritajiet ikkonċernati. Barra minn dan, ma tezisti ebda prova fl-uffiċċju tal-Kunsill li x-xogħol sar minnu, filwaqt li l-Kunsill m'għandux ir-rizorsi meħtieġa biex jirranġa din il-problema. Is-SE kienet se tieħu ħsieb tibgħat ir-risposta lir-resident.

85.13.9 Is-SE infurmat li kellha talba mingħand Benjamin Camilleri, l-*ecological manager* tal-bosk sabiex jintefaq madwar €500 biex jinxtraw *stakes* tal-injam sabiex ikun jista' jibda proġett fejn partijiet mill-bosk ma jkunux aċċessibbli għall-mixi u jkun hemm zoni oħrajn allokati fejn wieħed jista' jimxi bejn is-siġar. L-iskop huwa biex jinbeda saff ieħor ta' arbuxelli li 'l quddiem se jkun qed jgħin biex iz-zona tibda tieħu aktar dehra u sura ta' bosk b'siġar endemiċi. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 85.14 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

85.14.1 Il-Kunsillier Mifsud kien skuza ruħu diġà u għaldaqstant ma kienx hemm rapporti x'jgħaddu.

## 85.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

85.15.1 Is-SE infurmat li kienu ddaħħlu zewġ kontijiet minn meta għaddiet kopja tal-lista tal-pagamenti. Wieħed kien għall-kors tas-*Sage* pagabbli lill-ANSEK fejn kienu se jattendu għal taħriġ is-SE u l-Viċi Sindku u l-ieħor huwa dak pagabbli lil *The Accountant General* tat-Tezor għal 20% tal-ammont pagabbli bħala ko-finanzjament mill-Kunsill fir-rigward tal-proġett tal-ERDF.

85.15.2 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Bugeja proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 85.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

85.14.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 20 ta' Diċembru fis-7:00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 20 ta' Diċembru 2018.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv